FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru erbgħa u ħamsin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 24 t'Awwissu 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.DeGiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur C. Bonello<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Chev. D. Marmara` KLJ |
| **A/Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur P. Dalli u s-Sur S. Camilleri talbu li jkunu skużati mil-laqgħa peress li kienu msiefrin.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Premises Ġodda tal-Kunsill Lokali

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-mod kif il-Kunsill se jkun qed jimxi 'l quddiem rigward id-*demolition tal-premises* il-ġodda tal-Kunsill.

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'korrispondenza elettronika li rċieva eżatt qabel il-laqgħa mingħand il-Perit Valerio Schembri. Liema korrispondenza nqrat mis-Sindku (Mehmuża bħala Dok 'A'). Is-Sindku spjega kif il-parir li qed jingħata f'din il-korrispondenza huwa li l-pjanti preżentati m'għandhomx jitqiesu bħala sodisfaċenti. Is-Sindku elenka li huwa mportanti li dan il-ftehim ikun jinkludi li l-kuntrattur jagħmel tajjeb għall-ħsara li

Mayor, vicemayor, councillors & A/Sect. [signature]

saret lil terzi persuni waqt li għamel xogħol mingħajr l-'*order to start works*'.

1.02 Is-Sindku ppropona li f'dan l-istadju għandu jsir ftehim mal-kumpanija LK Ltd. Dan isir bil-għan li x-xogħolijiet ma jitkomplewx minn LK Ltd. u eventwalment ikun magħżul wieħed mill-kuntratturi li kienu ġja' ssottomettew it-tender għal dan il-proġett.

1.03 Is-Sur M. Lombardo staqsa liema huma l-partijiet li se jkunu nvoluti biex jintlaħaq dan il-ftehim. Is-Sindku wieġeb li l-partijiet involuti se jkunu r-rappreżentant legali tal-Kunsill, il-Kunsill u LK Ltd.

1.04 Is-Sur C. Bonello semma' li huwa mportanti li tiġi rrimedjata l-ħsara li saret fuq propjeta' biswit is-sit ta' dan il-proġett. Għaldaqstant propona li l-ħsara tkun rimedjata mill-istess kuntrattur li jwettaqha.

1.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3106/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jara li jilħaq *settlement agreement* sabiex jitwaqqaf il-kuntratt ma' LK Ltd., sabiex wara jkun jista' jitkompla l-proċess tad-*demolition* u bini mill-ġdid tal-*Premises* tal-Kunsill. Dan is-*settlement agreement* jiġi approvat f'laqgħa tal-Kunsill." Din il-mozzjoni għaddiet unanimament.

1.06 Is-Sur M. Lombardo staqsa min se jkun qed jiddiskuti għan-nom tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li flimkien mar-rappreżentant legali tal-Kunsill huwa se jkun qed jagħmel it-taħditiet f'isem il-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:40.

Sindku

A/Segretarju